32006D0563

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Awwissu 2006

dwar ċerti miżuri ta' ħarsien b'rabta ma' l-influwenza tat-tjur patoġenika ħafna tas-sottotip H5N1 fi tjur slavaġ fil-Komunità u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2006/115/KE

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3585)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/563/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar il-kontrolli veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju fid-dawl tat-twettiq tas-suq intern [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli fil-kummerċ intra-Komunitarju għal ċerti annimali ħajjin u prodotti fid-dawl tat-twettiq tas-suq intern [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) 998/2003 tas-26 ta' Mejju 2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali applikabbli għaċ-ċaqliq mhux kummerċjali ta' l-annimali tad-dar u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu,

Billi:

(1) L-influwenza tat-tjur hija marda virali infettiva li tolqot it-tjur ta' l-irziezet u l-għasafar, li twassal għall-mewt u mard li malajr jistgħu jilħqu proporzjonijiet epiżootiċi u li kapaċi jkunu ta' theddida serja għas-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika u li jnaqqsu drastikament il-qligħ mit-trobbija tat-tjur ta' l-irziezet. Hemm ir-riskju li l-aġent tal-marda jista' jinfirex mill-għasafar slavaġ għall-għasafar domestiċi, l-iktar it-tjur ta' l-irziezet, u minn Stat Membru għal Stati Membri oħra u għal pajjiżi terzi permezz tal-kummerċ internazzjonali ta' għasafar ħajjin jew tal-prodotti tagħhom.

(2) Każi ta' influwenza tat-tjur patoġenika ħafna ('HPAI') tal-virus tas-sottotip H5NI, minn ħawn 'il quddiem "HPAI H5N1", kienu ssuspettati jew ikkonfermati f'bosta Stati Membri. Fil-konsiderazzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/115/KE tas-17 ta' Frar 2006 dwar ċerti miżuri ta' ħarsien b'rabta ma' l-influwenza tat-tjur patoġenika ħafna f'għasafar slavaġ fil-Komunità li tirrevoka d-Deċiżjonijiet 2006/86/KE, 2006/90/KE, 2006/91/KE, 2006/94/KE, 2006/104/KE u 2006/105/KE [4].

(3) Il-miżuri stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 92/40/KEE tad-19 ta' Mejju 1992 li tintroduċi l-miżuri tal-Komunità għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur [5] kienu ġew riveduti fil-fond fid-dawl ta' għarfien xjentifiku reċenti dwar ir-riskji ta' l-influwenza tat-tjur għas-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika, l-iżvilupp ta' testijiet tal-laboratorju vaċċini ġodda u l-esperjenza miksuba tul l-aħħar tfaqqigħ ta' dik il-marda fil-Komunità kif ukoll f'pajjiżi terzi. F'konsiderazzjoni ta' dik ir-reviżjoni, id-Direttiva 92/40/KEE ġiet irrevokata u sostitwita bid-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri tal-Komunità għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur li tirrevoka d-Direttiva 92/40/KEE [6], li għandha tiġi trasposta mill-Istati Membri sa l-1 ta' Lulju 2007.

[1] ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/41/KE (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33).

[2] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).

[3] ĠU L 146, 13.6.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 590/2006 (ĠU L 104, 13.4.2006, p. 8-10).

[4] ĠU L 48, 18.2.2006, p. 28. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2006/277/KE (ĠU L 103, 12.4.2006, p. 29).

[5] ĠU L 167, 22.6.1992, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

[6] ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.

(4) Sakemm issir it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2005/94/KE u fid-dawl tas-sitwazzjoni preżenti marbuta ma' l-influwenza tat-tjur fil-Komunità, kien meħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri tranżitorji li għandhom jiġu applikati fi stabbilimenti fejn tfaqqigħ ta' influwenza tat-tjur ikkawżat mill-virus HPAI kien issuspettat jew ikkonfermat fi tjur ta' l-irziezet jew f'għasafar oħra mrobbija.

(5) Dawk il-miżuri tranżitorji, stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/416/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar ċerti miżuri tranżitorji b'rabta ma' l-influwenza tat-tjur patoġenika ħafna fit-tjur ta' l-irziezet u għasafar oħra mrobbija fil-Komunità [1], għandhom jgħinu lill-Istati Membri jadottaw miżuri għall-kontroll tal-marda b'mod proporzjonat u flessibbli, billi jikkunsidraw ukoll il-livelli differenti ta' riskju mid-diversi razez tal-virus, l-impatt soċjali u ekonomiku li x'aktarx joħolqu l-miżuri msemmija fuq is-settur agrikolu u setturi oħrajn milquta, waqt li fl-istess ħin jiżguraw li l-miżuri meħuda għal kull xenarju speċifiku huma dawk l-iktar f'lokhom.

(6) Bil-progress miksub fit-traspożizzjoni tad-Direttiva 2005/94/KE minn ċerti Stati Membri, kull referenza għall-miżuri tranżitorji għandha tinftiehem bħala referenza għall-paragrafu korrispondenti tad-Direttiva 2005/94/KE.

(7) Sabiex tikkomplementa l-miżuri skond id-Direttiva 92/40/KEE ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/135/KE tat-22 ta' Frar 2006 dwar ċerti miżuri ta' ħarsien b'rabta ma' l-influwenza tat-tjur patoġenika ħafna fit-tjur ta' l-irziezet fil-Komunità [2].

(8) Id-Deċiżjoni 2006/135/KE issa ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/415/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar ċerti miżuri ta' ħarsien b'rabta ma' l-influwenza tat-tjur patoġenika ħafna tas-sottotip H5N1 fit-tjur ta' l-irziezet fil-Komunità li tirrevoka d-Deċiżjoni 2006/135/KE [3] sabiex tarmonizza l-interazzjoni bejn il-miżuri tranżitorji li għandhom jittieħdu f'każ ta' tfaqqigħ ta' l-HPAI fit-tjur ta' l-irziezet u r-restrizzjonijiet addizzjonali f'każ ta' suspett jew konferma tat-tfaqqigħ ta' HPAI H5N1 fit-tjur ta' l-irziezet jew għasafar oħra mrobbija.

(9) L-esperjenza fit-twettiq tad-Deċiżjoni 2006/115/KE fl-Istati Membri milquta wriet li ċerti aġġustamenti fit-twaqqif ta' żoni ristretti u f'ċerti restrizzjonijiet fuq iċ-ċaqliq ta' tjur ta' l-irziezet ħajjin jew prodotti derivati minnhom għandhom jitħallew isiru fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju magħmula mill-awtorità kompetenti f'konsiderazzjoni tal-livell tar-riskju kif influwenzat minn fatturi ġeografiċi, limnoloġiċi, ekoloġiċi u epiżoloġiċi.

(10) Fl-interess tal-konsistenza tal-leġislazzjoni tal-Komunità, huwa xieraq li għall-iskop ta' din id-Deċiżjoni jiġu applikati ċerti definizjonijiet previsti fid-Direttiva 2005/94/KE, fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxu r-regoli speċifiċi ta' l-iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali [4] u fir-Regolament (KE) Nru 998/2003.

(11) Għandha tiġi stabbilita żona ta' kontroll u monitoraġġ madwar il-postijiet fejn l-HPAI tas-sottotip HPAI ta' l-H5 tkun instabet f'għasafar slavaġ. Dawk iż-żoni għandhom ikunu limitati skond il-ħtieġa biex jiġi evitat id-dħul tal-virus f'qatgħat ta' tjur ta' l-irziezet kummerċjali u mhux kummerċjali.

(12) Fl-interess tal-konsistenza tal-leġislazzjoni tal-Komunità, il-miżuri ta' bijosigurtà kif previsti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/734/KE tad-19 ta' Ottubru 2005 li tistabbilixxi l-miżuri ta' bijosigurtà għat-tnaqqis tar-riskju ta' trażmissjoni ta' l-influwenza tat-tjur patoġenika ħafna kkawżata mill-virus ta' l-influwenza A tas-sottotip H5N1 minn għasafar li jgħixu fis-salvaġġ għal tjur ta' l-irziezet u għasafar oħra mrobbija u li tipprovdi għal sistema ta' skoperta bikrija f'żoni ta' riskju partikolari [5], għandhom jiġu kkunsidrati fiż-żoni ta' kontroll u monitoraġġ, indipendentement mill-istatus ta' riskju kif iddefinit għaż-żona fejn ikun hemm suspett jew konferma ta' l-influwenza tat-tjur patoġenika ħafna f'għasafar slavaġ.

(13) Huwa xieraq li jiġi ristrett iċ-ċaqliq, b'mod partikolari, ta' tjur ta' l-irziezet ħajjin u għasafar oħra mrobbija, flieles ta' jum, bajd tat-tifqis u prodotti li joriġinaw minn tjur miż-żoni stabbiliti ta' kontroll u monitoraġġ. Madankollu l-ħruġ taħt kontroll uffiċjali minn dawn iż-żoni jista' biss jiġi awtorizzat taħt ċerti kundizzjonijiet biex tiġi evitata l-possibbltà li l-marda tinfirex.

(14) Derogi speċjali għandhom jiġu previsti wkoll għall-bajd tat-tifqis u għall-bajd SPF użat f'laboratorji jew istituti speċjalizzati għal għanijiet xjentifiċi, dijanjostiċi jew farmaċewtiċi, peress li jippreżentaw biss riskju negliġibbli fit-tixrid ta' l-infezzjoni.

[1] ĠU L 164, 16.6.2006, p. 61.
[2] ĠU L 52, 23.2.2006, p. 41. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/384/KE (ĠU L 148, 2.6.2006, p. 53).
[3] ĠU L 164, tas-16.6.2006, p. 51.
[4] ĠU L 139, tat-30.4.2004, p. 55. Verżjoni kkoreġuta ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005 (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 83).
[5] ĠU L 274, 20.10.2005, p. 105. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/405/KE (ĠU L 158, 10.6.2006, p. 14).

(15) Il-ġarr ta' bajd tat-tifqis miż-żona ta' kontroll għandu jitħalla taħt ċerti kundizzjonijiet. Il-konsenja ta' bajd tat-tifqis lejn Stati Membri oħra jista' jitħalla soġġett, b'mod partikolari, għall-kundizzjonijiet tad-Direttiva 2005/94/KE. F'dawn il-każi, iċ-ċertifikati tas-saħħa ta' l-annimali stipulati bid-Direttiva 90/539/KEE tal-15 ta' Ottubru 1990 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-Kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, ta' tjur ta' l-irziezet u bajd tat-tifqis ([1]), għandhom jinkludu referenza għal din id-Deċiżjoni.

(16) Il-ġarr miż-żona ta' kontroll tal-laħam, laħam ikkapuljat, preparazzjonijiet tal-laħam, u prodotti tal-laħam derivati minn tjur ta' l-irziezet u għasafar tal-kaċċa mrobbija maħduma skond ċerti rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxu r-regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([2]) u soġġetti għall-kontrolli veterinarji uffiċjali inklużi spezzjonijiet *ante-* u *post mortem*, għandu jiġi permess.

(17) L-istess kontrolli uffiċjali tas-saħħa ta' l-annimali japplikaw għal-laħam derivat mit-tjur ta' l-irziezet u għasafar tal-kaċċa mrobbija li joriġinaw miż-żona ta' kontroll u huma maħduma skond il-provvediment tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi arranġamenti tranżitorji għat-twettiq tar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004, (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemendaw ir-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 ([3]), li jipprovdu miżuri ta' tranżizzjoni li jippermettu l-użu ta' marka ta' identifikazzjoni nazzjonali għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jistgħu jinbiegħu biss fit-territorju ta' l-Istat Membru li fih jiġu manifatturati.

(18) Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali għall-konsum tal-bniedem ([4]) tistabbilixxi lista ta' trattamenti li jagħmlu l-laħam miż-żoni ristretti sikur, u tipprovdi għall-possibbiltà li jiġu stabbiliti marka tas-saħħa speċifika u l-marka tas-saħħa meħtieġa għal-laħam li m'għandux awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq minħabba raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali. Huwa xieraq li tiġi permessa l-konsenja minn żona ta' kontroll tal-laħam derivat minn tjur ta' l-irziezet u għasafar tal-kaċċa mrobbija li għandhom il-marka skond dik id-Direttiva u li jkunu destinati għat-trattament fl-Istat Membru affettwat biex tiġi żgurata d-diżattivazzjoni tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur. Prodotti tal-laħam li jkunu għaddew minn dan it-trattament ikunu jistgħu jintbagħtu lejn Stati Membri oħra jew pajjiżi terzi.

(19) Huwa meħtieġ li tiġi limitata l-konsenja miż-żona ta' kontroll ta' prodotti sekondarji li joriġinaw mit-tjur lejn dawk li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet speċifiċi tal-produzzjoni, l-użu, it-trattament jew ir-rimi kif previst mir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jistabbilixxi r-regoli tas-saħħa għall-prodotti sekondarji mill-annimali li mhumiex maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([5]) u li ma jippermettux il-possibbiltà ta' tixrid tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur.

(20) Huwa meħtieġ li jiġi speċifikat it-tul ta' żmien minimu tal-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni li għandu jqis il-perjodu ta' l-inkubazzjoni tal-marda u r-rekwiżiti tad-Direttiva 2005/94/KE. Madankollu, huwa meħtieġ ukoll li jiġu introdotti kundizzjonijiet għall-għoti ta' derogi speċifiċi wara r-riżultat pożittiv tal-valutazzjoni tar-riskju mill-awtoritajiet kompetenti.

(21) Fl-interess taċ-ċarezza tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità, id-Deċiżjoni 2006/115/KE għandha tiġi rrevokata u ssostitwita bid-Deċiżjoni preżenti.

(22) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Materja tas-suġġett u ambitu

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi ċerti miżuri ta' ħarsien li għandhom jiġu applikati f'każi fejn l-influwenza tat-tjur patoġenika ħafna ("HPAI") ikkawżata mill-virus ta' l-influwenza A tas-sottotip H5 tiġi rreġistrata u tkun issuspettata jew ikkonfermata n-newraminidaži tat-tip N1 ("H5N1") fl-għasafar slavaġ, fi Stat Membru ("l-Istat Membru milqut"), bil-għan li jiġi evitat it-tixrid ta' l-influwenza tat-tjur mill-għasafar slavaġ għat-tjur ta' l-irziezet jew għasafar oħra mrobbija, kif ukoll il-kontaminazzjoni tal-prodotti tagħhom.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika bla ħsara għad-:

(a) Deċiżjoni 2006/416/KE; jew

(b) id-Deċiżjoni 2006/415/KE u miżuri oħra ta' ħarsien b'rabta mat-tfaqqigħ ta' HPAI fit-tjur ta' l-irziezet jew għasafar oħra mrobbija ikkawżat minn virus ta' l-influwenza tat-tjur tas-sottotip H5 fejn in-newraminidaži tat-tip N1 tkun issuspettata jew ikkonfermata bħala "HPAI H5N1".

([1]) ĠU L 303, 31.10.1990, p. 6. Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' l-Adeżjoni 2003.
([2]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206. Verżjoni kkoreġuta ĠU L 226, 25.6.2004, p. 83. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005 (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 83).
([3]) ĠU L 338, 22.12.2005, p. 83.
([4]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
([5]) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 208/2006 (ĠU L 36, 8.2.2006, p. 25).

Artikolu 2

Definizjonijiet

Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizjonijiet fid-Direttiva 2005/94/KE.

Id-definizjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:

(a) "bajd tat-tifqis" ifisser bajd għall-inkubazzjoni li biduh it-tjur ta' l-irziezet kif definit fil-punt 4 ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2005/94/KE;

(b) "għasafar tal-kaċċa salvaġġa" jfissru, fejn għandhom x'jaqsmu speċi ta' tjur, għasafar tal-kaċċa salvaġġa kif iddefiniti f'punt 1.5, it-tieni inċiż, u f'punt 1.7 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(ċ) "għasafar oħra mrobbija" tfisser għasafar kif definit f'punt 6 ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2005/94/KE, esklużi:

(i) annimali tad-dar ta' l-ispeċi ta' għasafar kif imfissra f'punt (a) ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003;

(ii) għasafar għaż-żuwijiet, ċirkli, parks ta' divertiment u laboratorji sperimentali u għasafar sentinella mqiegħda mill-awtorità kompetenti fil-qafas ta' l-attivitajiet ta' sorveljanza u riċerka.

Artikolu 3

It-twaqqif ta' żoni ta' kontroll u monitoraġġ

1. L-Istat Membru milqut għandu jwaqqaf madwar il-wesgħa fejn il-preżenza tal-HPAI kkawżata mill-virus ta' l-influwenza A tas-sottotip H5 tkun ġiet ikkonfermata f'għasafar slavaġ u n-newraminidaži tat-tip N1 hija ssuspettata jew ikkonfermata:

(a) żona ta' kontroll b'raġġ ta' mill-inqas tliet kilometri ("iż-żona ta' kontroll"); u

(b) żona ta' monitoraġġ b'raġġ li fil-bidu jkun mill-inqas 10 kilometri, inkluża ż-żona ta' kontroll ("iż-żona ta' monitoraġġ").

2. It-twaqqif taż-żoni ta' kontroll u monitoraġġ għandu jqis il-fatturi ġeografiċi, limnoloġiċi, amministrattivi, ekoloġiċi u epiżoloġiċi b'rabta ma' l-ispeċi ta' għasafar slavaġ, il-karatteristiċi tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur u l-faċilitajiet ta' monitoraġġ.

3. L-Istat Membru milqut għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bid-dettalji dwar kull żona ta' kontroll u monitoraġġ u għandu, skond kif ikun xieraq, jinforma lill-pubbliku bil-miżuri meħuda.

4. Jekk iż-żoni ta' kontroll jew ta' monitoraġġ ikopru t-territorji ta' iktar minn Stat Membru wieħed, l-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri għandhom jikkollaboraw biex jistabbilixxu dawk iż-żoni.

5. Fil-każ ta' suspettat jew konferma li għasafar slavaġ huma infettati bl-HPAI H5N1 f'żona ta' ħarsien jew sorveljanza stabbilita skond l-Artikolu 11(1) tad-Deċiżjoni 2006/416/KE ("iż-żoni ta' ħarsien jew sorveljanza") minħabba din l-infezzjoni fit-tjur ta' l-irziezet jew għasafar oħra mrobbija, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) tistabbilixxi żoni ta' kontroll u monitoraġġ; u

(b) tagħmel valutazzjoni tar-riskju biex tikkunsidra jekk ir-raġġ taż-żoni ta' kontroll u monitoraġġ hux meħtieġ li jiġi estiż biex jestendi fuq iż-żoni ta' ħarsien u sorveljanza.

L-awtorità kompetenti tista' tapplika l-miżuri ta' ħarsien previsti fil-punti (b), (c) u (d) ta' l-Artikolu 5, f'kull naħa taż-żoni ta' ħarsien u sorveljanza li ma jestendux fuq iż-żoni ta' kontroll u monitoraġġ meta l-valutazzjoni tar-riskju turi li hemm riskju li l-HPAI H5N1 tinfirex fost it-tjur ta' l-irziezet jew għasafar oħra mrobbija f'dawk l-inħawi.

Artikolu 4

Derogi mill-miżuri previsti fl-Artikolu 3(1)

1. B'deroga mill-Artikolu 3(1), l-Istat Membru milqut jista' jieqaf mit-twaqqif ta' żoni ta' kontroll u monitoraġġ fuq il-bażi tar-riżultati favorevoli tal-valutazzjoni tar-riskju mill-awtorità kompetenti.

Dik il-valutazzjoni għandha tqis il-fatturi ġeografiċi, l-ekoloġija ta' l-ispeċi ta' għasafar infettata u twassal lill-awtorità kompetenti biex tikkonkludi li l-HPAI H5N1 mhux preżenti fiż-żona fit-tjur ta' l-irziezet jew għasafar oħra mrobbija jew slavaġ, jew li l-għasfur salvaġġ infettat ma jippreżenta l-ebda riskju li dak il-virus jinfirex fost it-tjur ta' l-irziezet jew għasafar oħra mrobbija jew slavaġ fil-lokalità.

F'dawk iċ-ċirkostanzi l-awtorità kompetenti għandha tipprova, fejn ikun meħtieġ flimkien ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra jew ta' pajjiżi terzi, tistabbilixxi bl-għajnuna ta' esperti ornitoloġiċi jekk l-għasafar slavaġ humiex residenti jew migratorji, b'mod li tkun tista' issir valutazzjoni dwar jekk l-HPAI H5N1 teżistix f'għasafar slavaġ f'żoni oħrajn taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

2. B'deroga mill-punt (a) ta' l-Artikolu 3(1) u fuq il-bażi ta' riżultati favorevoli tal-valutazzjoni tar-riskju li tkun qieset għallinqas il-kriterji imsemmija fl-Artikolu 3(2) u kkonfermat l-eżistenza ta' ħarsien biżżejjed tat-tjur ta' l-irziezet jew għasafar oħra mrobbija fil-lokal ibbażata fuq ilqugħ naturali jew in-nuqqas ta' ambjenti xierqa għall-għasafar slavaġ li jippreżentaw riskju li jinfirex l-HPAI H5N1, iż-żona ta' kontroll tista' tiġi:

(a) aġġustata għal wesgħa ta' daqs li jkun biżżejjed imma fl-ebda każ b'inqas minn raġġ ta' 1 km; jew

(b) stabbilita bħala faxxa ta' 1 km wisa' mix-xtut ta' xmara jew mix-xtut ta' għadira jew mill-kosta għal tul ta' mhux inqas minn 3 km.

F'dan il-każ u b'deroga mill-punt (b) ta' l-Artikolu 3(1) l-awtorità kompetenti għandha mbagħad tadatta wkoll il-forma u d-daqs taż-żona ta' monitoraġġ adegwatament biex tifred iż-żona ta' kontroll mill-inħawi mhux milquta tat-territorju.

Artikolu 5

Miżuri fiż-żona ta' kontroll

L-Istat Membru milqut għandu jiżgura li għallinqas il-miżuri li ġejjin ikunu applikati fiż-żona ta' kontroll:

(a) l-identifikazzjoni ta' l-istabbilimenti kollha kummerċjali u mhux kummerċjali tat-tjur ta' l-irziezet;

(b) it-twettiq tal-miżuri ta' bijosigurtà stabbiliti fid-Deċiżjoni 2005/734/KE għat-tjur ta' l-irziezet u għasafar oħra imrobbija, inkluża d-diżinfezzjoni fid-dħul u l-ħruġ mill-postijiet fejn tjur ta' l-irziezet u għasafar oħra mrobbija jkunu qed jinżammu;

(ċ) iż-żieda fis-sorveljanza uffiċjali tal-popolazzjonijiet ta' għasafar slavaġ, b'mod partikolari tjur ta' l-ilma, u iktar monitoraġġ ta' għasafar mejta jew morda, jekk meħtieġ bil-koperazzjoni ta' kaċċaturi u osservaturi ta' l-għasafar, u r-rappurtaġġ tas-sejbien ta' għasafar mejta lill-awtorità kompetenti u t-tneħħija, kemm jista' jkun, ta' l-iġsma ta' għasafar mejta minn staff imħarreġ apposta fil-miżuri li jħarsuh mill-infezzjoni bil-virus u li jevitaw it-tifrix tal-virus fuq annimali suxxettibbli;

(d) kampanji ta' informazzjoni għall-pubbliku u ta' tkattir ta' l-attenzjoni għall-marda fost is-sidien ta' tjur ta' l-irziezet u għasafar oħra mrobbija, il-kaċċaturi, l-osservaturi ta' l-għasafar u dawk li jipprovdu servizzi ta' rikreazzjoni marbutin ma' l-ilma;

(e) żjarat perjodiċi u ddokumentati fl-istabbilimenti kollha kummerċjali tat-tjur ta' l-irziezet u żjarat immirati fi stabbilimenti mhux kummerċjali tat-tjur ta' l-irziezet, billi tingħata prijorità lil dawk meqjusa esposti għal riskju ikbar, li għandhom jinkludu:

(i) spezzjoni klinika tat-tjur ta' l-irziezet jew għasafar oħra mrobbija inkluż, jekk meħtieġ, il-ġbir ta' kampjuni għall-eżamijiet fil-laboratorju mmirat lejn tjur ta' l-irziezet jew għasafar oħra mrobbija li ma kienux fil-magħluq qabel is-sejba pożittiva f'tajra salvaġġa u b'mod partikolari fil-papri u l-wiżż;

(ii) valutazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' bijosigurtà msemmija f'punt (b).

Artikolu 6

Projbizzjonijiet fiz-żona ta' kontroll

L-Istat Membru milqut għandu jiżgura li dan li ġej ikun ipprojbit fiż-żona ta' kontroll:

(a) it-tneħħija ta' tjur ta' l-irziezet u għasafar oħra mrobbija mill-istabbiliment li jkunu miżmuma fihom;

(b) il-ġmigħ ta' tjur ta' l-irziezet jew għasafar oħra mrobbija f'fieri, swieq, wirjiet jew laqgħat oħrajn;

(ċ) il-ġarr li jaqsam iż-żona ta' kontroll tat-tjur ta' l-irziezet jew għasafar oħra mrobbija, ħlief għat-tranżitu fit-triq jew bil-ferrovija miż-żona ta' kontroll bla ħatt jew waqfien;

(d) il-konsenja ta' bajd tat-tifqis miġbur minn stabbilimenti li fid-data tal-ġbir kienu jinsabu fiż-żona ta' kontroll;

(e) il-konsenja miż-żona ta' kontroll tal-laħam frisk, laħam ikkapuljat, preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam mit-tjur ta' l-irziezet li joriġinaw miż-żona ta' kontroll u għasafar tal-kaċċa salvaġġa miġbura mill-ambjent naturali f'dawk l-inħawi;

(f) il-ġarr jew it-tifrix ta' demel mhux ittrattat minn stabbilimenti ta' tjur jew għasfar oħra tal-gaġġeġ fil-limiti taż-żona ta' kontroll, minbarra l-ġarr għat-trattament skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002;

(g) il-konsenja lejn Stati Membri oħra u pajjiżi terzi ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali li joriġinaw mit-tjur ta' l-irziezet derivati minn tjur ta' l-irziezet jew għasafar oħra mrobbija jew għasafar tal-kaċċa salvaġġa li joriġinaw miż-żona ta' kontroll;

(h) il-kaċċa għat-tjur slavaġ jew it-teħid xort'oħra tagħhom mill-ambjent naturali, għajr jekk tingħata l-awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti għal għanijiet speċifiċi;

(i) il-ħelsien fis-salvaġġ ta' għasafar tal-kaċċa mrobbija.

Artikolu 7

Miżuri fiż-żona ta' monitoraġġ

L-Istat Membru milqut għandu jiżgura li għallinqas il-miżuri previsti f'punti (a) sa (d) ta' l-Artikolu 5 jkunu applikati fiż-żona ta' monitoraġġ.

Artikolu 8

Projbizzjonijiet fiż-żona ta' monitoraġġ

L-Istat Membru milqut għandu jiżgura li dan li ġej ikun ipprojbit fiż-żona ta' monitoraġġ:

(a) it-tneħħija ta' tjur ta' l-irziezet jew għasafar oħra mrobbija miż-żona ta' monitoraġġ fl-ewwel 15-il jum wara d-data li fiha tkun ġiet imwaqqfa dik iż-żona;

(b) il-ġmigħ ta' tjur ta' l-irziezet u għasafar oħrajn tal-gaġġeġ f'fieri, swieq, wirjiet u laqgħat oħra;

(ċ) il-kaċċa għall-għasafar slavaġ jew it-tneħħija xort'oħra tagħhom mis-salvaġġ, għajr jekk tingħata l-awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti għal għanijiet speċifiċi;

(d) il-ħelsien fis-salvaġġ ta' għasafar tal-kaċċa mrobbija.

Artikolu 9

Derogi għal għasafar ħajjin u flieles ta' jum

1. B'deroga mill-punt (a) ta' l-Artikolu 6, l-Istat Membru milqut jista' jawtorizza l-ġarr ta':

(a) tjur ta' l-irziezet lejn stabbilimenti li huma taħt kontroll uffiċjali li jinsabu fiż-żoni ta' kontroll u monitoraġġ;

(b) tiġieġ li jkunu waslu għall-bajd u dundjani għas-simna lejn stabbilimenti taħt kontroll uffiċjali fl-istess Stat Membru fejn it-tjur ta' l-irziezet iridu jibqgħu għal mill-inqas 21 jum wara d-data tal-wasla ta' dawk it-tjur ta' l-irziezet.

2. B'deroga mill-punt (a) ta' l-Artikolu 6 u mill-punt (a) ta' l-Artikolu 8, l-Istat Membru milqut jista' jawtorizza l-ġarr ta':

(a) tjur ta' l-irziezet għal qatla immedjata f'biċċerija sitwata fiż-żona ta' kontroll jew monitoraġġ jew, jekk dan mhux possibbli, lejn biċċerija ddeżinjata mill-awtorità kompetenti barra dawk iż-żoni;

(b) tjur ta' l-irziezet miż-żona ta' monitoraġġ lejn stabbilimenti taħt kontroll uffiċjali fit-territorju tiegħu;

(ċ) flieles ta' jum, li faqqsu minn bajd miġbur minn stabbilimenti li fid-data tal-ġbir kienu jinsabu fiż-żona ta' kontroll, lejn stabbiliment jew post ta' trobbija ta' dak l-istabbiliment fl-istess Stat Membru, preferibbilment li jinsab barra minn dik iż-żona, skond il-kundizzjonijiet li ġejjin;

(i) jiġu applikati miżuri ta' bijosigurtà matul il-ġarr u fl-istabbiliment tad-destinazzjoni;

(ii) l-istabbiliment tad-destinazzjoni jitqiegħed taħt sorveljanza uffiċjali wara l-wasla tal-flieles ta' jum;

(iii) it-tjur ta' l-irziezet għandhom jinżammu fl-istabbiliment tad-destinazzjoni għal mill-inqas 21 jum mid-data tal-wasla tagħhom, jekk dak l-istabbiliment jinsab barra miż-żona ta' kontroll jew monitoraġġ;

(d) flieles ta' jum imfaqqsa minn bajd miġbur minn stabbilimenti li fid-data tal-ġbir kienu fiż-żona ta' monitoraġġ, lejn stabbilimenti taħt kontroll uffiċjali fit-territorju tiegħu;

(e) flieles ta' jum imfaqqsa minn bajd miġbur minn stabbilimenti li fid-data tal-ġbir kienu jinsabu barra ż-żona ta' kontroll u monitoraġġ lejn kull stabbiliment, kemm-il darba il-mafqas li qed jibgħathom jista' jiżgura, permezz tal-loġistika u l-kundizzjonijiet ta' ħidma iġjeniċi tiegħu, li ma kien hemm l-ebda kuntatt bejn dak il-bajd u bajd ieħor tat-tifqis jew flieles ta' jum li ġew minn qatgħat ta' tjur ta' l-irziezet fiż-żona ta' monitoraġġ u li għalhekk għandhom status ta' saħħa differenti.

Artikolu 10

Derogi għal bajd tat-tifqis

1. B'deroga mill-punt (d) ta' l-Artikolu 6, l-Istat Membru milqut jista' jawtorizza l-ġarr ta' bajd tat-tifqis miġbur minn stabbilimenti li kienu jinsabu fiż-żona ta' kontroll fid-data tal-ġbir:

(a) lejn mafqas magħżul mill-awtorità kompetenti fil-limiti tat-territorju;

(b) lejn kull mafqas kemm-il darba:

(i) it-tjur ta' l-irziezet fl-istabbiliment irriżultaw negattivi għat-testijiet fi stħarriġ seroloġiku għall-HPAI H5N1 li kapaċi jiskopri prevalenza ta' 5 % tal-marda b'livell ta' fiduċja ta' mhux inqas minn 95 %; u

(ii) l-kundizzjonijiet previsti fil-punti (b), (ċ) u (d) ta' l-Artikolu 21(1) tad-Deċiżjoni 2006/416/KE huma sodisfatti;

(ċ) lejn stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd kif imsemmi f'Kapitolu II tas-Sezzjoni X ta' l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li għandu jiġu ġestit u ttrattat skond il-Kapitolu XI ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 ([1]); jew

(d) għar-rimi.

2. B'deroga mill-punt (d) ta' l-Artikolu 6, l-Istat Membru milqut jista' jawtorizza l-ġarr ta' bajd tat-tifqis jew bajd SPF miġbur minn stabbiliment fiż-żona ta' kontroll lejn laboratorji, istituti jew manifatturi tat-tilqim għal użu xjentifiku, dijanjostiku jew farmaċewtiku.

3. Iċ-ċertifikati tas-saħħa ta' l-annimali li jakkumpanjaw kunsinni ta' bajd tat-tifqis li għalihom jirreferi l-paragrafu 1(b) u l-paragrafu 2 mibgħuta lejn Stati Membri oħrajn għandhom jinkludu dan li ġej:

"Din il-kunsinna tikkonforma mal-kundizzjonijiet tas-saħħa stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni K(2006)3585 finali".

Artikolu 11

Derogi għal laħam, laħam ikkapuljat, preparazzjonijiet tal-laħam, laħam separat mekkanikament u prodotti tal-laħam

B'deroga mill-punt (e) ta' l-Artikolu 6, l-Istat Membru milqut jista' jawtorizza l-ġarr miż-żona ta' kontroll ta':

(a) laħam frisk tat-tjur ta' l-irziezet inkluż laħam ta' għasafar tal-kaċċa imrobbija, li joriġinaw f'dik iż-żona jew barra minnha u:

(i) manifatturat skond l-Anness II u s-Sezzjonijiet II u III ta' l-Anness III mar-Regolament (KE) Nru 853/2004; u

(ii) ikkontrollat skond is-Sezzjonijiet I, II, III, u l-Kapitoli V u VII tas-Sezzjoni IV ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004;

(b) laħam ikkapuljat, preparazzjonijiet tal-laħam, laħam separat mekkanikament u prodotti tal-laħam li fihom laħam imsemmi f'punt (a) u mmanifatturat skond is-Sezzjonijiet V u VI ta' l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(ċ) laħam frisk, laħam ikkapuljat u laħam separat mekkanikament u prodotti tal-laħam li fihom dan it-tip ta' laħam, li ġej minn tjur ta' l-irziezet jew għasafar tal-kaċċa imrobbija maqtula f'biċċerija li joriġinaw fiż-żona ta' kontroll jew barra minnha fit-territorju nazzjonali tiegħu, kemm-il darba dan il-laħam:

(i) kien identifikat skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/99/KE, jew bil-marka prevista fl-Anness II għal dik id-Direttiva jew bil-marka nazzjonali stabbilita skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005;

(ii) inkiseb, tqatta', inħażen u nġarr separatament minn laħam ieħor frisk ta' tjur ta' l-irziezet jew ta' għasafar tal-kaċċa imrobbija u destinati għall-konsenja lejn Stati Membri oħrajn jew għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi; u

(iii) huwa użat b'tali mod li jevita li jiddaħħal fi prodotti tal-laħam, jew preparazzjonijiet tal-laħam maħsuba għat-tqegħid fis-suq fl-Istati Membri l-oħra jew għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, sakemm ma jkunx għadda minn trattament, kif meħtieġ għall-influwenza tat-tjur kif speċifikat fit-tabella 1(a), (b) jew (c) ta' l-Anness III tad-Direttiva 2002/99/KE;

(d) laħam frisk, laħam ikkapuljat, laħam tat-tjur ta' l-irziezet separat mekkanikament, għasafar tal-kaċċa imrobbija u għasafar tal-kaċċa salvaġġa meħuda mis-salvaġġ fiż-żona qabel ma twaqqfet iż-żona ta' kontroll jew barra miż-żona ta' kontroll, u preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li fihom dan it-tip ta' laħam, manifatturi fi stabbilimenti fiż-żona ta' kontroll.

Artikolu 12

Derogi għal prodotti sekondarji ta' l-annimali

1. B'deroga mill-punt (g) ta' l-Artikolu 6, l-Istat Membru milqut għandu jawtorizza:

(a) il-ġarr miż-żona ta' kontroll ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali li joriġinaw minn tjur ta' l-irziezet li:

(i) huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi li ġejjin, jew ma' partijiet minnhom, tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002:

— l-Anness V;

— il-Kapitoli II (A), III (B), IV (A), il-Kapitolu VI (A) u (B), u l-Kapitoli VII (A), VIII (A), IX (A) u X (A) ta' l-Anness VII; u

— il-Kapitolu II (B), il-Kapitolu III (II) (A) u l-Kapitolu VII (A) (1) (a) ta' l-Anness VIII; jew

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1. Verżjoni kkoreġuta ĠU L 226, 25.6.2004, p. 3.

(ii) jinġarru taħt miżuri ta' bijosigurtà biex jiġi evitat it-tifrix tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur f'impjanti ddeżinjati approvati skond l-Artikoli 12 sa 15 jew l-Artikoli 17 sa 18 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 dwar ir-rimi, it-trasformazzjoni ulterjuri jew l-użu li jiżguraw għallinqas id-diżattivazzjoni ta' dak il-virus; jew

(iii) jinġarru taħt miżuri ta' bijosigurtà biex jiġi evitat it-tifrix tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur fuq l-utenti jew iċ-ċentri ta' ġbir awtorizzati u rreġistrati skond l-Artikolu 23 (4) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 dwar l-għalf ta' l-annimali wara trattament skond il-punti (5) (a) (ii) u (iii) ta' l-Anness IX ta' dak ir-Regolament biex għallinqas tiġi żgurata d-diżattivazzjoni tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur;

(b) il-konsenja miż-żona ta' kontroll lejn Stati Membri oħrajn ta' rix mhux trattat jew partijiet ta' rix skond il-punt 1 (a) tas-Sezzjoni A tal-Kapitolu VIII ta' l-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, meħud minn tjur ta' l-irziezet jew għasafar tal-kaċċa imrobbija;

(ċ) il-ġarr miż-żona ta' kontroll ta' rix jew partijiet ta' rix li ġie trattat b'kurrent ta' stim jew b'xi metodu ieħor li jiżgura li ma baqa' l-ebda patoġeni, prodotti minn tjur ta' l-irziezet jew għasafar tal-kaċċa salvaġġ.

2. L-Istat Membru milqut, għandu jiżgura li l-prodotti msemmija fil-punti (b) u (ċ) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jkunu akkumpanjati minn dokument kummerċjali skond il-Kapitolu X ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 li jiddikjara, fil-każ tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1(ċ) ta' dan l-Artikolu, fil-punt 6.1 ta' dak id-dokument, li dawk il-prodotti ġew ittrattati b'kurrent ta' stim jew b'xi metodu ieħor li jiżgura li ma baqax patoġeni.

Madankollu, dak id-dokument kummerċjali m'għandux ikun meħtieġ għal rix dekorattiv ittrattat, rix ittrattat li jinġarr minn passiġġieri għall-użu privat tagħhom jew kunsinni ta' rix ittrattat mibgħut lil individwi privati għal skopijiet mhux industrijali.

3. B'deroga mill-punt (f) ta' l-Artikolu 6 l-ġarr u tifrix ta' demel mhux ittrattat minn stabbilimenti tat-tjur fiż-żona ta' kontroll jista' jiġi awtorizzat jekk ikun joriġina minn stalel jew postijiet tat-trobbija:

(a) minn fejn it-tjur ta' l-irziezet tneħħew skond il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, jew il-punt (a) tal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 9; jew

(b) fejn it-tjur ta' l-irziezet u l-għasafar tal-kaċċa mrobbija nżammu għall-produzzjoni ta' laħam frisk skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11.

Artikolu 13

Kundizzjonijiet għaċ-ċaqliq

1. Meta ċ-ċaqliq ta' annimali u prodotti koperti minn din id-Deċiżjoni huwa awtorizzat skond l-Artikoli 9, 10, 11 jew 12, l-awtorizzazzjoni għandha tkun imsejsa fuq riżultati favorevoli tal-valutazzjoni tar-riskju magħmula mill-awtorità kompetenti, u l-miżuri kollha xierqa ta' bijosigurtà għandhom jittieħdu biex jiġi evitat it-tixrid ta' l-influwenza tat-tjur.

2. Fejn il-konsenja, iċ-ċaqliq jew il-ġarr ta' prodotti msemmija fil-paragrafu 1i huma awtorizzati skond l-Artikoli 10, 11 jew 12, dawn għandhom jinkisbu, jiġu ġestiti, jiġu ttrattati, jinħażnu u jinġarru mingħajr ma' jiġi kompromess l-istatus tas-saħħa ta' l-annimal ta' prodotti oħra u li jissodisfaw il-ħtiġijiet kollha tas-saħħa ta' l-annimali għall-kummerċ, it-tqegħid fis-suq jew l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi.

Artikolu 14

Tul ta' żmien tal-miżuri fiż-żoni ta' kontroll u monitoraġġ

1. Jekk it-tip newraminidaži jkun ikkonfermat li huwa differenti minn N1, il-miżuri previsti fl-Artikoli 5 sa 8 m'għandhomx japplikaw iktar.

2. Jekk il-preżenza ta' HPAI H5N1 tiġi kkonfermata fl-għasafar slavaġ, il-miżuri previsti fl-Artikolu 5 sa 8 għandhom japplikaw għat-tul ta' żmien meħtieġ b'kunsiderazzjoni tal-fatturi ġeografiċi, limnoloġiċi, amministrattivi, ekoloġiċi u epiżoloġiċi marbutin ma' l-influwenza tat-tjur u għal ta' l-inqas 21 jum fil-każ taż-żona ta' kontroll u ta' 30 jum fil-każ taż-żona ta' monitoraġġ wara d-data tat-teħid mill-għasafar slavaġ ta' kampjuni li fihom ġie konfermat il-virus HPAI H5N1.

Artikolu 15

Derogi li jikkonċernaw it-tul ta' żmien tal-miżuri fiż-żoni ta' kontroll u monitoraġġ

1. B'deroga mill-Artikolu 14(2), l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi, wara r-riżultat favorevoli ta' valutazzjoni tar-riskju li jkun qies il-kriterji fl-Artikolu 3(2), li tissospendi l-miżuri previsti fil-punti (a) sa (g) ta' l-Artikolu 6 fiż-żona ta' kontroll u dawk previsti fl-Artikolu 8 fiż-żona ta' monitoraġġ, anki fejn instabu iktar għasafar slavaġ infettati, kemm-il darba għallinqas 21 jum ikunu għaddew mill-bidu tat-twaqqif taż-żoni ta' kontroll u monitoraġġ u ma kienx hemm tfaqqigħ tal-HPAI H5N1 u l-ebda suspett ta' influwenza tat-tjur fit-tjur ta' l-irziezet jew għasafar oħra mrobbija f'dawk iż-żoni.

2. B'deroga mill-Artikolu 14(2), fejn, skond l-Artikolu 3(5), żona ta' kontroll jew ta' monitoraġġ tirkeb fuq żona ta' sorveljanza u dik iż-żona ta' sorveljanza tneħħiet, l-awtorità kompetenti tista', fuq il-bażi ta' riżultat favorevoli ta' valutazzjoni tar-riskju, tissospendi l-miżuri kollha jew parti minnhom previsti fil-punti (a) u (e) ta' l-Artikolu 5 u ta' l-Artikolu 6 fiż-żona ta' kontroll.

3. B'deroga mill-Artikolu 14(2), l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tissostitwixxi ż-żona ta' kontroll b'żona ta' monitoraġġ skond il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) riżultati favorevoli tal-valutazzjoni tar-riskju, li tkun qieset il-kriterji ta' l-Artikolu 3(2);

(b) it-twettiq tal-miżuri previsti fil-punt (a) ta' l-Artikolu 5;

(ċ) mill-inqas tkun saret żjara waħda f'kull stabbiliment skond kif previst fil-punt (e) ta' l-Artikolu 5;

(d) inkisbu riżultati negattivi mit-testijiet kollha tal-laboratorju magħmula skond kif previst fil-punt (e)(i) ta' l-Artikolu 5.

Fejn l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tissostitwixxi ż-żona ta' kontroll b'żona ta' monitoraġġ, tista' tbiddel il-forma u d-daqs ta' dik iż-żona ta' monitoraġġ kemm-il darba dik iż-żona ta' monitoraġġ tibqa' mill-inqas f'raġġ ta' 1 km jew faxx ta' 1 km wiesa' mix-xtut tax-xmajjar jew ix-xtut ta' għadira jew tal-kosta għal tul ta' mill-inqas 3 km. Il-qisien previsti fil-punti (b), (c) u (d) ta' l-Artikolu 5 u l-punti (h) u (i) ta' l-Artikolu 6 għandhom jinżammu sa tmiem il-perjodu ta' 30 jum mid-data tat-twettiq taż-żoni ta' kontroll u monitoraġġ skond l-Artikolu 3(1).

Artikolu 16

Obbligi ta' informazzjoni mill-Istat Membru milqut

L-Istat Membru milqut għandu regolarment jgħaddi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra:

(a) l-informazzjoni meħtieġa fuq l-epidemjoloġija tal-HPAI H5N1, u fejn ikun xieraq il-miżuri addizzjonali ta' kontroll u sorveljanza u l-kampanji ta' għarfien previsti mill-Artikolu 5; u

(b) notifika bil-quddiem, fejn l-awtorità kompetenti tqis li l-miżuri previsti mill-Artikoli 7 u 8 mhumiex iktar applikabbli.

Artikolu 17

Revoki

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/115/KE hija rrevokata.

Artikolu 18

Konformità

L-Istati Membri għandhom immedjatament jadottaw u jippubblikaw il-miżuri meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Deċiżjoni. Huma għandhom jinfurmaw immedjatament lill-Kummissjoni b'dan.

L-Istat Membru milqut għandu japplika dawk il-miżuri malli jkollu suspett raġonevoli tal-preżenza tal-HPAI H5N1 f'tajra salvaġġa.

Artikolu 19

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar il-11 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni